# ODYSSEUS

## J. P. VASSALLO

Għaddew is-snin fuq Ithaca, it-tarġa,
Xbajt u għajejt ta Troja ntenni l-ġrajja;
Inċaqlaq xettru fuq daqsxejn ta' poplu,
Ma' ibni u marti 'l hawn u 'l hemm nitlajja.

Meta fix-xitwa s-sema tbaxxa mdallam,
Faqqgħu sajjetti u ħalel kissru l-blat,
Xegħlet ġo fija x-xewqa tat-taqbida
U qalbi xtarret dak li darba rat.

U ġbart lil sħabi biex darb'oħra nbaħħru
Nifthu il-qlugħ darb'oħra għat-tiġrib,
Għajnejna msammra fuq kewkbiet is-safar,
Wiċċna maħsul bir-raxx li l-mewġ iġib.

Ħallejt il-gżira sbejħa donnha ħawħa,
L-għażiża sieħba — lil Penelope —
U ġens qalbieni, iżda sħiħ fit-tjieba
Telemaku ibni biex isaltan re.

X'għaxqa ta' ilħna meta l-mewġ ibewwes
U jħaddan b'żina tad-dgħajsa il-ġenbejn,
Li fuq il-mewġa bi tnehida taqbeż
U f'mewġa oħra tmelles il-ħaddejn.

Xemx wara xemx dawlulna l-ġirja tagħna,
Sirti ħallejna, ħallejna Ġebel Nar,
U għodwa waħda fuq ix-xefaq ikħal
Dehret iż-żokra tal-baħar f'nofs inhar.

Maqdes fuq maqdes, u nċens iċajpar sema,
Qala' mill-isbaħ ta' tas-sliem il-wegħda;
Iżda fid-dħul b'dwiefer u njieb ta' tigra,
Heddu żewġ Mostri: l-Għira u l-Mibegħda.

Diċembru 1973

# GALLARIJA

## ALBERT M. CASSOLA

Tapit imdendel f'gallarija,
wara tfarfira u ħasla,
qisu damask għall-proċessjoni,
b'warajh fil-bieb tal-kamra
purtiera ċara
taqta' mal-biċċa ħamra,
purtiera twila
lewn mant tal-Madonna.

U inti bħal tistenna
li Din sa tidher,
fil-glorja tax-xemx tisreġ
bejn dak il-mant
u t-tapit.

int tibqa' tħares u tistenna
bil-ħsieb li sa tithenna
bid-dehra tal-Madonna,
Sultana tal-ġenna.

U f'daqqa tilmaħ
il-miraklu.
Tfajla żagħżugħa,
xuxitha tad-deheb,
wiċċha bajdani,
tixref minn wara l-mant kaħlani
u taħsdek bis-sbuħija.

Min hi? Il-Magħżula?

Inti tistagħġeb, ma temminx 'l għajnejk,
ma tafx quddiemha
tinżilx għarrkobbtejk.
U fl-istess ħin
ma tafx hix devozzjoni
jew biss ammirazzjoni
għal bniedma bħall-oħrajn.

Tkun sa ssaqsieha
u malli tbexxaq fommok
u tgħammex ftit għajnejk,
hi tgħib għal kollox
u int tibqa' miblugħ.

Fil-gallarija
tara t-tapit, tibqa' l-purtiera,
tibqa' fil-moħħ
il-fantasija.

# Reċensjoni:

**"SIJON" — Rivista tal-Għaqda Biblika Maltija — Vol. 6 (1973-74) Nru. 5 — Abbon. 25c fis-sena.**

Rivista f'Malta fuq l-Iskrittura ma tistax tistenna minnha xi kontributi kbar għall-istudju tal-Kitba Mqaddsa. Iċ-ċokon tagħna bil-ftit speċjalisti ma jħallix li dan isehħ. L-għan ta' "Sijon" hu li xxerred it-tagħlim fuq l-Iskrittura fost il-poplu. Għalhekk hu diffiċli li jinżamm ċertu livell. Artikoli bħal "Id-Dnub ta' Geroboghom" ta' Patri Egidju Mizzi u "Il-ktieb ta' Ġuditta" tal-Prof. Sant igħinu ħafna waqt li "Rikonċiljazzjoni" ta' Patri Donat bit-taqsim f'forma ta' lezzjoni jitlob iktar attenzjoni mill-qarrej.

Interessanti f'dan numru hu l-kontribut tal-Prof. Sant fejn ippublika silta minn ittra ta' Rev. W. Jowett lill-Prof. Samuel Lee ta' Cambridge fuq l-ewwel Malti, Ġużeppi Marija Canolo, li qaleb f'ilsienna l-vanġelu ta' San Ġwann.

L-aħbarijiet li jagħti l-editorjal kif ukoll l-aħħar artikolu fuq il-ħidma tal-Għaqda Biblika Maltija jgħinu ħafna biex jinħoloq interess fil-ħidma tal-Għaqda u jżommu ħaj. Dnub li l-Prof. Sant jagħti żewġ kontributi fl-istess numru. Minnu li kitba fuq l-Iskrittura mhix għal idejn kulħadd, imma la r-rivista toħroġ 4 darbiet biss fis-sena jista' jkun hemm kontribuzzjonijiet minn oħrajn.

x x x